Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 29 ta' April 2026**
**(OR. en)**

**8722/26**

**CLIMA 230**
**ENV 428**
**ENER 206**
**TRANS 259**
**MARE 12**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 29 ta' April 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 173 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI<br>Rapport tal-2025 tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 173 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 173 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.4.2026
COM(2026) 173 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI**

**Rapport tal-2025 tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu**

{SWD(2026) 119 final}

MT MT

**Rapport tal-2025 tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu**

## 1. Introduzzjoni

It-trasport marittimu huwa fundamentali għall-ekonomija tal-UE u jispikka bħala wieħed mill-aktar modi ta' trasport effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Madankollu, jibqa' sors ewlieni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG).

Dan ir-rapport tal-2025 dwar l-emissjonijiet GHG minn vapuri li jidħlu u joħorġu mill-portijiet fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jippreżenta d-data miġbura fl-ambitu tar-Regolament tal-UE dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu adottat fl-2015([1]) (ir-Regolament Marittimu tal-UE dwar il-Monitoraġġ, ir-Rapportar u l-Verifika (MRV)). Ir-rapport ikopri d-data miġbura matul il-perjodu 2018–2024. Dan jipprovdi tqabbil u analiżi komprensivi tax-xejriet fl-emissjonijiet u fl-effiċjenza enerġetika matul is-snin u jixħet dawl fuq il-fatturi li jinfluwenzaw l-emissjonijiet GHG mit-trasport marittimu. Huwa jqis l-implimentazzjoni tal-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) sal-perjodu ta' rapportar tal-2024 li kienet l-ewwel sena ta' applikazzjoni tas-sistema għat-trasport marittimu.

## 2. Żvilupp tal-politika

Bħala parti mill-pakkett biex jitwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw sensiela ta' miżuri fl-2023 biex jiżguraw li s-settur tat-trasport marittimu jikkontribwixxi biex jinkisbu l-ambizzjonijiet klimatiċi tal-UE. Dawn jinkludu r-reviżjoni tal-**EU ETS** ([2]), li estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS biex tkopri l-emissjonijiet tas-CO2 minn vapuri kbar li jidħlu fil-portijiet tal-UE mill-1 ta' Jannar 2024, irrispettivament mill-bandiera li jtajru. Barra minn hekk, mill-2025, ir-**Regolament FuelEU Maritime** ([3]) jiżgura li l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord il-vapuri tonqos gradwalment maż-żmien.

Il-konformità mal-obbligi li jirriżultaw kemm mill-EU ETS kif ukoll mir-Regolament FuelEU Maritime tissejjes fuq is-sistema ta' monitoraġġ, rapportar u verifika stabbilita mir-**Regolament Marittimu MRV tal-UE**, kif rivedut fl-2023 ([4]). Il-perjodu ta' rapportar tal-2024 kien l-ewwel wieħed li applika r-regoli riveduti, li ġew adottati fl-2023 biex jippermettu li l-ETS tiġi implimentata għat-trasport marittimu u għall-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-metan ($CH_4$) u tal-ossidu nitruż ($N_2O$) fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament MRV.

Minbarra l-miżuri leġiżlattivi, l-UE qed tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni b'suċċess tad-dekarbonizzazzjoni tat-tbaħħir permezz tal-**appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni**. Il-Fond għall-Innovazzjoni, li se juża 20 miljun kwota tal-UE (EUR 1,5 biljun)([5]) sal-2030 biex jiffinanzja l-proġetti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu, ikopri wkoll il-produzzjoni u l-użu ta' fjuwils sostenibbli, l-elettrifikazzjoni tas-sistema tat-trasport marittimu, u l-bini u/jew il-modifika

([1])Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55, http://data.europa.eu/eli/reg/2015/757/2025-01-01.

([2])Permezz tad-Direttiva (UE) 2023/959, ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134,http://data.europa.eu/eli/dir/2023/959/oj.

([3])Ir-Regolament (UE) 2023/1805, ĠU L 234, 22.9.2023, p. 48, http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1805/oj.

([4])Ir-Regolament (UE) 2023/957, ĠU L 130, 16.5.2023, p. 105, http://data.europa.eu/eli/reg/2023/957/oj.

([5]) Abbażi tal-prezz tal-karbonju ta' EUR 75/tunnellata.

retroattiva tal-bastimenti b'emissjonijiet baxxi jew żero. Sa mill-bidu tal-2026, u wara biss żewġ sejħiet għal proposti, il-Fond għall-Innovazzjoni pprovda appoġġ għal 21 proġett marittimu għal total ta' EUR 1,03 biljun, inklużi EUR 365,3 miljun permezz ta' rkanti għall-fjuwils ibbażati fuq l-idroġenu u EUR 202,3 miljuni għall-proġetti relatati mal-kostruzzjoni u/jew mal-modifika retroattiva tal-bastimenti.

Filwaqt li l-Fond għall-Innovazzjoni jiffoka fuq proġetti f'livelli ogħla ta' tħejjija teknoloġika (TRL) u varar, l-UE investiet ukoll fi proġetti ta' TRL aktar baxxi fis-settur marittimu permezz ta' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari s-Sħubija dwar Trasport fuq l-Ilma b'Emissjonijiet Żero. Fl-ambitu ta' din is-sħubija, l-UE se tinvesti sa EUR 530 miljun sal-2027, f'sitt oqsma: (i) l-użu tal-fjuwils alternattivi sostenibbli, (ii) l-elettrifikazzjoni, (iii) l-effiċjenza enerġetika, (iv) id-disinn u l-modifika retroattiva, (v) il-portijiet diġitali u (vi) ekoloġiċi.

Il-Kummissjoni tintrabat ukoll li tappoġġa azzjoni globali biex tħeġġeġ d-dekarbonizzazzjoni tas-settur, b'mod partikolari fil-ħidma tagħha mal-**Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI)**. F'April 2025, l-UE kienet sodisfatta bl-approvazzjoni mill-OMI tal-qafas ta' emissjonijiet żero netti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-tbaħħir internazzjonali. Il-qafas jinkludi standard globali għat-tnaqqis gradwali tal-intensità tal-GHG tal-fjuwils tal-baħar u mekkaniżmu tal-ipprezzar għall-emissjonijiet tal-GHG. Il-Ftehim, sakemm jiġi adottat, huwa pass sinifikanti lejn l-għan ta' emissjonijiet żero netti mit-trasport marittimu sa jew madwar, jiġifieri qrib, l-2050 kif stabbilit fl-istrateġija tal-2023 tal-OMI dwar il-GHG. Id-diskussjonijiet dwar l-adozzjoni tal-ftehim ġew posposti għal Ottubru 2026.

## 3. L-ogħla emissjonijiet marittimi rreġistrati fl-2024 bħala konsegwenza tal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar

Fis-sena ta' rapportar tal-2024, il-vjaġġi mmonitorjati rrilaxxaw **144,9 miljun tunnellata $CO_2$** fl-atmosfera. Dawn l-emissjonijiet, irrapportati minn flotta ta' madwar 12 700 vapur, kienu l-ogħla rreġistrati minn meta ġiet stabbilita s-sistema MRV. Dawn kienu **12,9 % ogħla** minn dawk irrapportati fl-2023, u 5,7 % ogħla minn dawk irrapportati qabel il-COVID-2019([6]). Għall-ewwel darba, il-vapuri rrapportaw ukoll l-emissjonijiet li mhumiex $CO_2$ fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema MRV. Dawn l-emissjonijiet jammontaw għal 3,7 miljun tunnellati addizzjonali ekwivalenti għas-$CO_2$, bl-emissjonijiet tal-ossidu nitruż ($N_2O$) li jgħoddu għal 2,2 miljun tunnellati ekwivalenti għas-$CO_2$ u l-emissjonijiet tal-metan ($CH_4$) li jgħoddu għal 1,6 miljun tunnellata ekwivalenti għas-$CO_2$.

Iż-żieda fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ irrapportati seħħet f'sena meta l-volum tal-merkanzija mmaniġġjata fil-portijiet tal-UE baqa' kważi l-istess (-0,2 % meta mqabbel mal-2023), parzjalment minħabba tnaqqis fl-importazzjonijiet tal-merkanzija tal-enerġija. Madankollu, is-sena 2024 kienet ikkaratterizzata minn żieda konsiderevoli fl-attività totali tal-flotta bħala konsegwenza tal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar u t-tnaqqis sussegwenti fit-tranżiti mill-Kanal ta' Suez u r-ridirezzjonar tar-rotot, li żiedu b'mod sinifikanti d-distanza totali vvjaġġata u l-ħin imqatta' fuq il-baħar (b'9,3 % u 8,6 %, rispettivament).

([6]) Għajr l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-Regolament Marittimu MRV tal-UE għar-Renju Unit għas-snin ta' rapportar 2018–2020.

L-aktar affettwat kien is-segment tal-**vapuri tal-kontejners**, li jgħodd għall-**biċċa l-kbira taż-żieda fl-emissjonijiet** (+46 %, li jikkorrispondu għal 16,7 miljun tunnellati ta' $CO_2$). Ir-rotot stabbiliti li jgħaqqdu l-portijiet Ewropej mal-Lvant Imbiegħed kellhom jingħataw rotta ġdida madwar Cape of Good Hope, u dan affettwa sostanzjalment l-imġiba operazzjonali tas-segment. Kellhom jiġu varati aktar vapuri tal-kontejners fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema MRV (+ 8 %) biex tiġi ssodisfata d-domanda akbar għat-trasport tal-merkanzija fil-kontejners fil-portijiet tal-UE (+ 4.4 %) u l-ħtieġa għal distanzi itwal tal-ivvjaġġar (+ 29 %) u veloċitajiet akbar (+ 2.2 %).

Minbarra l-vapuri tal-kontejners, 8 mill-14-il tip ta' vapur li jifdal irreġistraw żieda fl-emissjonijiet meta mqabbla mal-2023. Dan spiss kien xprunat mill-emissjonijiet ogħla minn vjaġġi barra miż-ŻEE minħabba l-kriżi tal-Baħar l-Aħmar, bħal fil-każ tat-tankers taż-żejt (+ 4 %), tat-tankers tas-sustanzi kimiċi (+ 7 %), tal-vapuri tal-merkanzija ġenerali (+ 8 %), u tat-trasportaturi tal-vetturi (+ 4 %). L-aktar tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet irrapportati ġie rreġistrat għat-trasportaturi tal-gass naturali likwifikat (LNG) (-24 %), hekk kif l-importazzjonijiet Ewropej tal-LNG reġgħu lura għal-livelli ta' qabel l-2022.

Il-**vapuri tal-kontejners, it-tankers taż-żejt u t-trasportaturi ta' tagħbija bl-ingrossa ġew ikkonfermati bħala l-ogħla emittenti fl-2024**, bħal fis-snin preċedenti kollha ta' rapportar mill-2018. Iż-żieda sinifikanti fl-emissjonijiet mill-vapuri tal-kontejners żiedet is-sehem tagħhom tal-emissjonijiet totali rrapportati għall-ogħla livell irreġistrat (37 %, żieda mill-medja annwali ta' 30 % għall-perjodu 2018–2023). Is-sehem relattiv għall-biċċa l-kbira tat-tipi ta' vapuri baqa' stabbli, ħlief għat-trasportaturi tal-LNG, li l-kontribut tagħhom naqas għal 5 % tal-emissjonijiet totali, u reġa' lura għal-livell ta' qabel l-invażjoni totali Russa tal-Ukrajna fl-2022.

Id-distribuzzjoni tal-emissjonijiet totali tas-$CO_2$ tal-flotta bejn it-tipi differenti ta' vjaġġi u fil-portijiet kienet affettwata ħafna mill-kriżi tal-Baħar l-Aħmar. Id-distanzi itwal tal-ivvjaġġar fuq ir-rotot kummerċjali barra miż-ŻEE żiedu s-**sehem relattiv tal-emissjonijiet minn vjaġġi barra miż-ŻEE minn 65,7 % fl-2023 għal 70,6 % fl-2024**, l-ogħla wieħed irreġistrat mill-2018. Din ix-xejra hija konsistenti maż-żieda fl-attività tas-segmenti tal-flotta li huma l-aktar attivi fuq ir-rotot kummerċjali barra miż-ŻEE.

F'termini tal-**konsum tal-fjuwil**, il-vapuri mmonitorjati użaw 46,8 miljun tunnellata fjuwil fl-2024. Il-konsum tal-fjuwil tul il-perjodu 2018–2024 baqa' ddominat mill-fjuwils fossili konvenzjonali tal-baħar (iż-żejt fjuwil tqil, iż-żejt fjuwil ħafif, iż-żejt tal-gass, iż-żejt tad-diżil), li ammontaw għal aktar minn 91 % tal-massa totali tal-fjuwils irrapportati fl-2024. Bħal fis-snin ta' qabel, is-sistema rreġistrat żieda fil-konsum taż-żejt fjuwil tqil, li ġiet kważi kompletament ikkumpensata minn tnaqqis fil-konsum taż-żejt fjuwil ħafif. Dan tal-aħħar kien xprunat mill-użu dejjem akbar tas-sistemi tat-tindif tal-gass tal-egżost fil-flotta.

Fl-2024, il-flotta rreġistrat l-ogħla livell tal-konsum tal-LNG (madwar 1 % ogħla milli fl-2023, li jgħoddu għal 7,5 % tal-konsum totali tal-fjuwil irrapportat fl-2024). Din iż-żieda hi kkawżata mill-LNG li qed jintuża minn vapuri għajr it-trasportaturi tal-LNG, li fosthom il-vapuri tal-kontejners, il-vapuri ro-ro (passiġġieri roll-on/roll-off) u l-vapuri tal-passiġġieri jiffurmaw il-biċċa l-kbira. Il-konsum tal-gass likwifikat miż-żejt u tal-metanol żdied b'mod konsiderevoli meta mqabbel mal-2023 (+ 38 % u + 428 %), iżda xorta jirrappreżenta sehem żgħir mill-konsum totali (0,1 % kull

wieħed) mill-flotta mmonitorjata. Fjuwils mhux standard oħra għoddew għal 0,9 % tal-konsum totali tal-fjuwil irrapportat (0,42 miljun tunnellata), b'0,22 miljun tunnellata rrapportati bħala bijodiżil.

## 4. Il-flotta mmonitorjata: ir-rotot tat-trasport fuq l-ilma, il-veloċità, l-effiċjenza teknika u operazzjonali

F'termini tal-flussi tat-trasport marittimu, id-data tal-Eurostat ([7]) turi li l-piż gross totali tal-merkanzija li tinġarr bil-baħar immaniġġjata fil-portijiet tal-UE naqas kemxejn b' 0,2 % fl-2024.

Meta mqabbla mal-2023, l-influssi minn pajjiżi bħall-Ukrajna, il-Kanada, it-Turkija u ċ-Ċina żdiedu fl-2024, u kkontribwew għal żieda ta' 1,2 % fil-volum totali tal-**flussi kummerċjali 'l ġewwa**. Il-volum totali tal-2024 tal-**flussi kummerċjali 'l barra** fl-2024 naqas b'3,2 %. L-aktar tnaqqis sinifikanti li affettwa l-flussi 'l barra kien jikkonċerna lill-Istati Uniti (il-Kosta tal-Lvant) u liċ-Ċina.

Id-data tal-MRV għall-2018–2024 ma turi **l-ebda indikazzjoni ta' tnaqqis strutturali fil-veloċità** għall-flotta tal-MRV. Fl-2024, 10 minn 15-il tip ta' vapur irreġistraw veloċità medja ogħla milli fl-2018. Xi tipi rreġistraw żidiet konsiderevoli fil-veloċità, bħal fil-każ tat-trasportaturi kkombinati (+ 32 %), tat-trasportaturi tal-gass (+ 16 %), ta' vapuri oħra (+ 16 %), u tat-tankers taż-żejt (+ 13 %). Madankollu, meta mqabbla mal-2023, 11 minn 15-il tip ta' vapur naqqsu l-veloċità medja tagħhom fl-2024. Kemm il-vapuri tal-kontejners kif ukoll it-trasportaturi tal-LNG żidu l-veloċità b'mod konsiderevoli, b' 2,2 % u 2,4 %, rispettivament.

Analiżi grafika tal-indikaturi **ewlenin tal-effiċjenza teknika u operazzjonali** kkonfermat iż-żieda gradwali fil-valuri ta' korrelazzjoni tad-data bejn l-indikaturi ewlenin tal-effiċjenza teknika u operazzjonali ([8]) u d-daqs tal-vapuri li jirrapportaw fl-ambitu tar-Regolament Marittimu MRV tal-UE, u b'hekk saħqet iż-żieda fil-maturità tal-qafas MRV. Ix-xejriet tal-effiċjenza ġeneralment baqgħu stabbli, speċjalment fost l-ogħla emittenti tal-flotta, filwaqt li xi segmenti (eż. il-vapuri tal-kontejners) urew titjib fl-effiċjenza teknika rrapportata.

## 5. Implimentazzjoni tar-Regolament Marittimu MRV tal-UE

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regolament Marittimu MRV tal-UE, ir-riżultati jikkonfermaw r-robustezza u l-kompletezza tad-data rapportata. Kemm il-kumpaniji tat-tbaħħir kif ukoll il-verifikaturi akkreditati laħħqu sew mar-rekwiżiti l-ġodda ta' rapportar introdotti biex jappoġġaw l-estensjoni tal-ETS għat-trasport marittimu mill-2024. Dan huwa mixhud mill-**indikaturi ta' puntwalità aħjar** (69 %, żieda minn 52 % fl-2023), minkejja skadenza aktar bikrija għas-sottomissjoni tar-rapporti annwali ([9]).

---

([7]) Eurostat. (2024). *Trasport marittimu tal-merkanzija - data annwali*. https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Maritime_transport_of_goods_-_annual_data

([8]) L-indiċi tal-Effiċjenza Enerġetika tad-Disinn, il-Valur Stmat tal-Indiċi, u l-Indiċi tal-Vapuri Eżistenti għall-Effiċjenza Enerġetika huma vvalutati għall-effiċjenza teknika tal-vapuri. L-Indiċi Operattiv tal-Effiċjenza Enerġetika u l-Proporzjon Annwali tal-Effiċjenza huma vvalutati għall-effiċjenza operazzjonali tagħhom.

([9]) L-iskadenza tmexxiet mit-30 ta' April sal-31 ta' Marzu, u bdiet mill-perjodu ta' rapportar tal-2024.

Il-**kwalità tad-data sottomessa** baqgħet ġeneralment konsistenti mal-perjodu ta' rapportar ta' qabel (2023). Is-sehem tar-rapporti b'anomaliji żdied biss kemxejn għal 0,5 % tat-total, li għadu konsiderevolment aktar baxx mill-medja ta' 1,1 % għall-perjodu 2018–2024.

Il-**verifiki tal-konformità mal-MRV** imwettqa matul l-ispezzjonijiet ta' kontroll statali tal-port ikkonfermaw it-titjib irreġistrat fis-snin ta' qabel. Fl-2025, 2 % biss tal-vapuri spezzjonati naqsu milli jipprovdu dokument validu ta' konformità biex juru l-konformità mal-obbligi tal-MRV tal-UE fis-sena ta' qabel. Il-maturità tal-implimentazzjoni tas-Sistema Marittima tal-MRV tal-UE qdiet rwol ewlieni fl-iżgurar ta' konformità għolja mal-obbligi marittimi tal-ETS, li jirrifletti l-adattament tas-settur għal dawn ir-rekwiżiti, peress li fl-2025 il-kumpaniji tat-tbaħħir ċedew il-kwoti sal-iskadenza legali għal aktar minn 99 % tar-rekwiżiti ta' ċediment ([10]).

([10]) Iddeterminati abbażi taċ-ċifri rrapportati mill-kumpaniji tat-tbaħħir fir-Reġistru tal-Unjoni sal-1 ta' Ottubru 2025 fir-rigward tal-emissjonijiet tal-2024.